KNISJA elfejn

sena XXXIII nru. 136

april – ġunju 2021

# Is-Sena Liturġika tal-Knisja

WERREJ

Fr Raymond Gatt OP
**Editorjal** 1

Mons. Lawrenz Sciberras
**It-tliet festi prinċipali matul is-sena liturġika tal-Lhud** 5

Fr Jesmond Manicaro
**Is-Sena Liturġika fl-Ewwel Tliet Sekli** 13

Fr Anton Farrugia Pisani OFM
**Iċ-ċelebrazzjoni tas-Sena Liturġika llum, wara t-tiġdid tal-Konċilju Vatikan II** 25

Fr Michael Bugeja
**Il-Lezzjonarju: L-Inkarnazzjoni tal-Kelma fil-Liturġija** 45

Mons. Prof. Hector Scerri
**It-Teoloġija tas-Sena Liturġika** 55

Papàs Martin Zammit
**Is-Sena Liturġika fit-Tradizzjoni Orjentali** 67

Fr Paul Gatt OP
**45 sena ilu miet il-Prof. P. Serafin Zarb OP (1899-1976)** 75

Fr Joseph Agius OP
**Il-Majjistru Serafin M. Zarb u l-istorja tal-formazzjoni tal-Kanon tal-Iskrittura skont S. Wistin** 81

Kontributuri 103

# It-Teoloġija tas-Sena Liturġika

Mons. Prof. Hector Scerri

**Daħla**

Is-Sena Liturġika, fl-opinjoni tiegħi, tittieħed wisq *for granted* minn ħafna Nsara. Ħafna jidraw iċ-ċiklu tal-festi daqslikieku kien xi ħaġa awtomatika li ssib tagħrif dwarha fil-kalendarju jew fl-almanakk li ħafna jħobbu jżommu fil-kċina u li fuqu jniżżlu d-dati tal-*birthdays* jew xi appuntament mediku. Għal xi wħud, is-Sena Liturġika forsi tixbah is-sena skolastika, bi żmien il-lezzjonijiet, l-eżamijiet u l-btajjel. Forsi ftit jaħsbu li s-Sena Liturġika għandha t-teoloġija tagħha li tirregolaha u tagħtiha ritmu qaddis. Ir-raġuni għal dan hu li l-pern tas-Sena Liturġika hija l-festa solenni tal-Għid il-Kbir. Minn din iċ-ċelebrazzjoni jiddependu ż-żminijiet liturġiċi kollha, fi kliem ieħor, l-Avvent, żmien il-Milied, ir-Randan, żmien il-Għid u ż-Żmien Ordinarju (jew ta' Matul is-Sena). F'dan l-artiklu qasir, se nkunu qegħdin nirriflettu mhux dwar iċ-ċelebrazzjonijiet liturġiċi matul is-sena jew il-karatteristiċi tagħhom, u lanqas dwar l-aspett storiku tal-liturġija, imma dwar it-teoloġija li tinsab fil-pedament tas-Sena Liturġika.

L-istudjuż tal-liturġija, ir-Rev. Jean-Jacques von Allmen (1917-1994) li kien ukoll *pastor* Protestant Svizzeru, u professur li fis-snin 50, 60 u 70 kien jgħallem it-Teoloġija Prattika fl-Università ta' Neuchâtel fl-Isvizzera, kien jisħaq li s-Sena Liturġika tipprovdi *repetitorium* tal-Istorja tal-Fidwa. Ir-repetizzjoni taċ-ċelebrazzjonijiet tal-Misteru ta' Kristu għandha valur kbir, anki għax tiggarantixxi li fil-parroċċi kollha ssir ta' kull sena l-proklamazzjoni ta' dak kollu li jikkostitwixxi l-pedament tat-teoloġija tal-Fidwa. Von Allmen kien isostni wkoll li ċ-ċelebrazzjoni tas-Sena Liturġika – li min-natura tagħha hija ċiklika għax tirrepeti ruħha ta' kull sena – kienet tobbliga lir-rgħajja tal-erwieħ

iwasslu lil dawk kollha afdati f'idejhom għall-għejjun tal-fidi fil-Kelma t'Alla. Barra minn hekk, ikompli Von Allmen, l-imgħammdin kellhom il-possibiltà li jduqu, ftit ftit, u ta' kull sena, il-milja tal-Misteru tal-Fidwa, japprezzaw l-imħabba t'Alla u jirriflettu dwar l-għaqda fost il-Knejjes mifrudin, għax dak li kien jiġi ċċelebrat f'kull Knisja kien qed jiġi ċċelebrat fi Knejjes oħra, għalkemm differenti.[3]

**Il-Misteru ta' Kristu**

Is-Sena Liturġika hija ż-żmien partikulari li fih, bħala Knisja, aħna ngħixu ma' Ġesù l-attwalizzazzjoni tal-ħidma salvifika tiegħu permezz tal-liturġija. Meta f'dan il-kuntest, aħna ngħidu "attwalizzazzjoni", aħna nifhmu li dak li għamel Ġesù darba, meta bata, miet u qam minn bejn l-imwiet, nerġgħu ngħixuh aħna fiċ-ċelebrazzjoni tas-sagramenti matul kull jum tas-Sena Liturġika.

Fil-Kostituzzjoni dwar il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan II, *Sacrosanctum Concilium* (1963), insibu dan: "Il-Knisja mqaddsa ommna tħoss li jmiss lilha li tiċċelebra, b'tifkira qaddisa, f'jiem magħżula matul is-sena, l-opra tas-salvazzjoni tal-Għarus Divin tagħha" (par.102). Fi kliem ieħor qegħdin għalhekk nistqarru li mal-mixja tas-Sena Liturġika – permezz ta' żminijiet qaddisa u permezz ta' festi – tiġġedded quddiemna, permezz ta' sinjali li jidhru, permezz ta' talb li nisimgħu u li ngħidu u b'mod sagramentalment effikaċi l-fidwa li ġabilna Ġesù.

Dak li jseħħ matul is-Sena Liturġika mhuwiex xi forma ta' kommemorazzjoni (bħal meta nfakkru xi ġrajja fl-istorja tal-pajjiż jew xi anniversarju tal-ħajja ta' xi persunaġġ jew xi ġrajja importanti fil-ħajja tagħna), imma huwa *ċelebrazzjoni ħajja, **mhux** xi 're-enactment'*. Kull ċelebrazzjoni li ssir issa għandha: (a) aspett ta' tifkira (*anamnesi*) għax inħarsu lura lejn dak li għamel Ġesù; (b) aspett preżenti jew dimostrattiv (għax illum nissieħbu fil-ħajja u fil-missjoni ta' Kristu); u (c) aspett li jħares lejn il-futur imħejji għalina (*eskatoloġiku*). *Il-misteri kollha tal-ħajja ta' Kristu – partikularment il-Misteru tal-Għid tiegħu – isiru, b'xi mod, preżenti fiż-żminijiet kollha tal-istorja.* Dan hu li jagħmel is-Sena Liturġika differenti mis-sena ċivili jew kalendarja, u differenti mis-sena skolastika, mis-sena agrikola (tal-bdiewa) u

mis-sena finanzjarja (ta' bank, ta' kumpanija jew azjenda oħra). Hi u tiżvolġi s-Sena Liturġika, aħna ngħixu mill-ġdid il-misteri kollha tal-ħajja tal-Verb Inkarnat u nissieħbu fihom permezz tal-liturġija. Meta ngħid 'liturġija', qed nirreferu mhux biss għall-Quddiesa, imma għal-Liturġija tas-Sigħat u kull aspett ieħor tal-liturġija. Is-Sena Liturġika, għalhekk, tpoġġi n-Nisrani f'kuntatt dirett mal-grazzja tas-salvazzjoni li jagħtina Ġesù. Il-qawwa tal-merti ta' Kristu u l-għana tagħhom tasal għand il-fidili kollha matul is-Sena Liturġika (ara *Sacrosanctum Concilium*, par.102). Il-preżenza ta' Ġesù fiċ-ċelebrazzjoni tas-Sena Liturġika hija preżenza effikaċi.

Huwa importanti li hawnhekk niċċaraw punt. Filwaqt li f'kull ċelebrazzjoni ta' festa partikulari, aħna niġu f'kuntatt mal-Misteru kollu tal-Mulej fit-totalità tiegħu, irridu ngħidu wkoll li s-Sena Liturġika "taqsam" il-Misteru wieħed tal-Mulej b'mod li n-Nisrani, f'ċelebrazzjoni speċifika tas-Sena jkun jista' jissieħeb mal-Mulej f'dak l-aspett speċifiku tal-Misteru, pereżempju l-Inkarnazzjoni, it-Twelid, l-Epifanija, il-Magħmudija, il-ħajja pubblika, it-Trasfigurazzjoni, l-Aħħar Ċena, it-Tbatija, il-Mewt u l-Qawmien, it-Tlugħ fis-sema u Pentekoste.

Bosta liturġisti jiddeskrivu s-Sena Liturġika u ċ-ċelebrażżjoni tal-Misteru ta' Kristu bħala moviment dinamiku li jgħaddina minn ġrajja għal oħra permezz ta' *moviment "ċirkulari-spirali"*.[2] Permezz ta' dan il-moviment, l-Insara jgħixu l-Misteru ta' Kristu billi jersqu lejh. Dan il-moviment la għandu bidu u lanqas tmiem, iżda hemm *kontinwità*. Il-liturġista Dumnikan Irénée Henri Dalmais (1914-2006), fil-fatt, jispjega li kull forma ta' organizzazzjoni fil-liturġija, trid jew ma tridx, għandha rabta mal-bosta ċikli kożmiċi li jiddeterminaw ir-ritmu tal-eżistenza fiż-żmien. Din ir-relazzjoni neċessarja tiġi mill-fatt tat-tifsira marbuta mal-mixja taż-żmien f'relazzjoni ma' ġrajjiet speċjali (bil-Grieg, *kairoi*) meta Alla intervjena fl-istorja tal-umanità biex isalvana. Ir-ritmu taż-żmien insibuh diġà mill-ewwel kapitlu tal-ktieb tal-Ġenesi (ritmu kożmiku li huwa simboleġġjat mis-sitt "ijiem" tal-ħolqien). Insibu wkoll ir-ritmu annwali tal-festi tal-Poplu Lhudi, kif naqraw fil-ktieb tal-Esodu u tal-Levitiku,[3] bħall-*Pascha* (l-Għid), Għid il-Ħamsin u Jum it-Tpattija.

Is-Sena Liturġika mhux biss tgħaqqad flimkien il-misteri kollha mfakkra f'jiem differenti tas-sena, imma turi li hemm rabta intrinsika bejniethom. Fi kliem ieħor, per eżempju, meta niċċelebraw il-Milied, fl-istess ħin niċċelebraw il-passjoni, il-mewt u l-qawmien ta' Ġesù li erbgħin jum wara, tela' s-sema minn fejn bagħat l-Ispirtu s-Santu, filwaqt li fil-mixja tagħna bħala Knisja pellegrina nistennew bit-tama t-tieni miġja tiegħu. Hawn, mill-ġdid, nagħmel distinzjoni bejn sena kalendarja jew sena skolastika jew sena finanzjarja fuq naħa waħda, u s-Sena Liturġika fuq naħa oħra. Filwaqt li s-sena kalendarja għandha x-xhur li huma *clear-cut*, u l-istess is-sena skolastika bit-trimestri (*terms*) jew semestri, u l-istess is-sena agrikola u dik finanzjarja, *fis-Sena Liturġika hemm dinamiċità kontinwa*, għax ngħaddu minn misteru għal ieħor, u fl-istess ħin inżommu quddiem għajnejna l-Misteru kollu tal-Fidwa tagħna.

**Il-Pern tas-Sena Liturġika kollha kemm hi:**
**Iċ-Ċelebrazzjoni tal-Għid il-Kbir**

Il-quċċata tal-missjoni tal-Iben t'Alla seħħet fil-Qawmien tiegħu minn bejn l-imwiet. Bl-ubbidjenza perfetta tiegħu u bil-passaġġ tiegħu "minn din id-dinja għal għand il-Missier" (Ġw 13:1), Ġesù kiseb is-salvazzjoni għall-umanità kollha. Flimkien mal-Inkarnazzjoni, il-Misteru tal-Għid u t-Tieni Miġja tal-Iben (il-*parousia*) fl-aħħar taż-żmien jagħmlu l-akbar ġrajja fl-istorja tad-dinja, il-ġrajja li nsejħulha *the Christ Event*. Din hija *ġrajja waħda* li tibda fl-Inkarnazzjoni tal-Verb Inkarnat fil-ġuf tal-Verġni Marija, tilħaq il-quċċata fil-Misteru tal-Għid u sseħħ għal kollox fil-milja kollha tagħha meta "kollox jinġabar taħt Ras waħda li hu Kristu, kulma hu fis-sema u kulma hu fl-art" (Ef 1:10).

Matul is-Sena Liturġika, aħna niċċelebraw *the Christ Event* kollu kemm hu, inkluż it-Tieni Miġja tiegħu li aħna qed nistennew bit-tama. Niċċelebrawha mhux biss fil-festa ta' Kristu Sultan tal-Ħolqien kollu, imma wkoll kull nhar ta' Ħadd, anzi f'kull quddiesa. Fl-istess ħin, irridu nistqarru wkoll li fit-Tradizzjoni kollha tal-Knisja, l-Għid kien, u jibqa', dejjem imħares bħala l-akbar festa. Fil-fatt, il-festi kollha li niċċelebraw huma marbuta, b'modi differenti, imma kumplimentari,

mal-Għid tal-Mulej. Din hi r-raġuni l-għala qed nuża l-kelma 'pern' biex nitkellem dwar iċ-ċentralità tal-Għid il-Kbir. Għall-kelma *pern*, *It-Teżawru* ta' Albert W. Agius, jagħtina dawn in-nomi ekwivalenti: "għarqub, ċaċċiża, kavilja kbira, witet, ċappetta, għaksa, fus, assi, dussies, magħżel, qofol, bażi, sies, pont ċentrali, mandrin."[4] Dawn in-nomi jgħinuna nkomplu nifhmu kif *kulma niċċelebraw matul is-Sena Liturġika jiddependi mill-Għid il-Kbir, mhux biss bħala data fil-kalendarju, imma teoloġikament u liturġikament.* Għalhekk, l-Għid il-Kbir huwa l-festa *per eċċellenza*, għax huwa l-festa ewlenija tagħna l-Insara.

F'bosta mill-kitbiet ta' Missirijiet il-Knisja, aħna niltaqgħu mal-espressjoni sabiħa *Paschale Sacramentum* (li tfisser ukoll *il-Misteru tal-Għid*). Insibuha fl-omeliji tal-Papa San Girgor il-Kbir (590-604), kif ukoll fil-kotba liturġiċi antiki li jissejħu Sagramentarji. It-tifsira sħiħa ta' dan li qed ngħidu nistgħu nkomplu niskopruha f'żewġ talbiet sbieħ u profondi mil-liturġija għanja tal-Vġili tal-Għid. F'din l-ewwel talba, nistgħu napprezzaw ir-rabta li hemm bejn il-Patt il-Qadim u l-Patt il-Ġdid, u għalhekk bejn l-Għid tal-Patt il-Qadim (u t-tifkira storika tal-Eżodu mill-jasar tal-Eġittu) u l-Għid tal-Patt il-Ġdid (li aħna ngħixu mill-ġdid f'kull quddiesa għax isseħħ ir-ri-attwalizzazzjoni tiegħu). Huwa l-misteru tal-ħniena ta' Alla li jorbothom flimkien:

*O Alla,*
*Bil-kliem tal-Patt il-Qadim u tal-Għid*
*Inti tgħallimna niċċelebraw* ***il-Misteru tal-Għid:***
*Agħmel li nifhmu* ***l-ħniena tiegħek*** *biex,*
*Bid-doni li tagħtina issa,*
*Nitqawwew fit-tama tal-ġid li tagħtina 'l quddiem.*
*Bi Kristu Sidna.*

F'talba oħra mil-liturġija tal-Vġili tal-Għid, aħna naraw kif il-wegħdiet li Alla għamel ma' Abraham u mal-Poplu l-magħżul tiegħu, permezz tal-Patt il-Qadim, jitwettqu fl-Għid tal-Mulej Ġesù Kristu li bid-demm tiegħu u bil-qawmien tiegħu ssiġġilla l-Patt il-Ġdid li jibqa' għal dejjem:

*O Alla,*
*Missier il-fidili tiegħek,*
*Inti xxerred il-grazzja tal-adozzjoni u*
*Tkattar mad-dinja kollha wlied il-wegħda tiegħek*
*Għax bil-**Misteru tal-Għid** inti żżomm kelmtek*
*Mal-qaddej tiegħek **Abraham**, u*
*Tagħmlu missier ta' bosta ġnus, skont il-ħalfa li ħliftlu:*
*Agħti lill-popli kollha l-grazzja*
*Li jwieġbu kif jixraq għas-sejħa tiegħek.*
*Bi Kristu Sidna.*

Permezz ta' dawn iż-żewġ talbiet – jekk inħarsu lejhom b'mod sinottiku – il-Poplu Nisrani jista' jkompli jifhem ir-rabta bejn iċ-ċelebrazzjoni tal-Għid u l-qawwa effikaċi tiegħu permezz tas-sagramenti li huma, kif rajna, ri-attwalizzazzjoni tal-Misteru tal-Għid. Dan ikompli jgħinna naraw aktar biċ-ċar għaliex il-Misteru tal-Għid huwa l-pern tas-Sena Liturġika. *Is-sies tat-teoloġija tas-Sena Liturġika jikkonsisti fl-istqarrija li ċ-ċelebrazzjoni tal-Misteru tal-Għid tiġbor fiha u twettaq fostna dak kollu li l-Mulej Ġesù wettaq għall-bnedmin kollha billi tana ħajja ġdida, il-ħajja tal-grazzja, li aħna niċċelebraw minn Ħadd għal ieħor, u minn ġurnata għal oħra fil-liturġija.* Tant huwa minnu dan li Santu Wistin jasal biex jikteb li *l-festi kollha tal-liturġija huma bħal friegħi żgħar li joħorġu mill-festa tal-Għid il-Kbir.* Dan huwa jgħidu f'ittra miktuba fis-sena 400 lil Ġennaru (Ianuarius). Jagħmel kuntrast bejn l-importanza superjuri tal-Għid, fuq naħa, u ċ-ċelebrazzjoni tal-Milied fuq naħa oħra.[5]

## L-Impronta Teoloġika tas-Sena Liturġika

Huwa xieraq li wara dak li żvolġejt fl-ewwel żewġ taqsimiet ta' dan l-artiklu, dwar it-tifsira tal-Misteru ta' Kristu u dwar il-Misteru tal-Għid bħala l-pern tas-Sena Liturġika, niddedika din l-aħħar taqsima biex napprezzaw aktar l-impronta teoloġika tagħha. Huwa meħtieġ li l-Poplu Nisrani jifhem aħjar x'effett tħalli fih iċ-ċelebrazzjoni tas-Sena Liturġika.

(1) Qabel kollox, is-Sena Liturġika għandha *valur kateketiku* għax tgħin fil-formazzjoni kontinwa tal-Insara. Matul is-Sena Liturġika, aħna l-Insara mhux biss niftakru, infakkru u niċċelebraw il-Misteri kollha ta' Sidna Ġesù Kristu, imma wkoll is-sehem tal-Verġni Mqaddsa Marija fil-Misteru tas-Salvazzjoni, u x-xhieda sabiħa tal-Qaddisin bħala dixxipli awtentiċi tal-Mulej. Permezz tat-talb kollu li jsir matul is-Sena Liturġika, l-azzjonijiet sagramentali u azzjonijiet oħra li jqaddsu l-bniedem, l-imgħammdin ikomplu jikbru fl-għixien tal-fidi Nisranija. Dan kollu jservi biex kull imgħammed jidħol aktar fil-fond tal-Misteru tal-Mulej, permezz tal-Misteri Qaddisa. Il-kateketi permezz tas-Sena Liturġika sseħħ permezz tat-talb, tat-tagħlim u tal-penitenza (ara *Sacrosanctum Concilium*, par. 105). Il-kateketi sseħħ permezz tal-parteċipazzjoni ħajja u attiva (*actuosa*), effikaċi, diretta u indiretta tal-Insara. Il-kateketi tkompli tieħu l-ħajja u tkun tassew formattiva kemm-il darba ssir rabta bejn dak li qed jiġi ċċelebrat u aspetti eżistenzjali fil-ħajja tal-bniedem.[6] Ngħidu aħna, huwa ħafna importanti li ssir rabta ħajja bejn il-liturġija kollha ta' Żmien ir-Randan u r-realtà tad-dnub, l-indiema u l-penitenza, u l-konverżjoni kontinwa fin-Nisrani. Eżempju ieħor jista' jgħin: matul Żmien l-Avvent, għandha ssir rabta bejn is-siltiet kollha tal-Kelma t'Alla, kif ukoll it-talb liturġiku kollu, mal-aspett eskatoloġiku, jiġifieri l-istennija mimlija tama f'ħajjet in-Nisrani, apparti mit-tħejjija spiritwali għat-twelid tal-Messija. Fi żmien Għid il-Ħamsin, huwa ħafna f'loku li l-Insara japprezzaw it-talb liturġiku, is-siltiet tal-Kelma t'Alla, is-sekwenza tas-solennità, eċċ u jaraw ir-rabta mal-għixien tagħhom tas-sagramenti tal-Magħmudija u l-Griżma tal-Isqof, kif ukoll mal-kariżmi differenti fil-Knisja.

(2) Aspett teoloġiku ieħor marbut intimament mas-Sena Liturġika hu l-*valur pastorali* tagħha. L-Insara jiġu mħeġġa jiftakru li l-Mulej u l-Knisja qegħdin jakkumpanjawhom tabilħaqq mal-medda taż-żmien. Il-kelma "pastorali" hija marbuta mal-kelma "ragħaj". Kristu huwa r-Ragħaj it-Tajjeb li jakkumpanja lill-imgħammdin miċ-ċelebrazzjoni ta' Misteru għaċ-ċelebrazzjoni ta' Misteru ieħor. Hawn toħroġ biċ-ċar ir-rikkezza tas-Sena Liturġika li mhijiex biss kateketikament ta' ġid, imma wkoll ta' sostenn għal min qed ibati jew iħossu mdejjaq, jew ukoll jixtieq jesprimi l-ferħ tiegħu.

(3) Teoloġikament, is-Sena Liturġika għandha wkoll *impronta straordinarjament biblika.* Il-Lezzjonarju, kemm għaż-Żmien Ordinarju ("ta' Matul is-Sena"), kif ukoll għat-Tempi Forti ("Żminijiet Speċjali) tal-Avvent, il-Milied, ir-Randan u l-Għid – biċ-ċikli kollha li nsibu fih – jagħtina firxa wiesgħa ħafna għall-proklamazzjoni tal-Kelma t'Alla waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Quddiesa. Hemm ukoll is-Salmi, il-Kantiċi u siltiet oħra mit-Testment il-Qadim u mit-Testment il-Ġdid li jintalbu waqt iċ-ċelebrazzjoni tal-Liturġija tas-Sigħat. Matul il-medda tas-Sena Liturġika nfisha, u s-Snin Liturġiċi wara xulxin, niġu f'kuntatt dirett ma' dan l-ikel tar-ruħ li nsibu f'Kelmet Alla f'kitbiet il-bniedem. Fl-Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini* (2010) dwar il-Kelma t'Alla fil-Ħajja u fil-Missjoni tal-Knisja, il-Papa Benedittu XVI jgħallem, fost l-oħrajn, dwar il-Kelma t'Alla fil-Liturġija Mqaddsa. Huwa jgħid li waqt ix-xandir tal-Kelma waqt il-Liturġija:

> "tidher ukoll il-pedagoġija kollha għerf tal-Knisja li tħabbar u tisma' l-Iskrittura Mqaddsa skont ir-ritmu tas-Sena Liturġika. Din il-firxa tal-Kelma t'Alla fuq iż-żmien isseħħ b'mod partikulari fiċ-ċelebrazzjoni tal-Ewkaristija u fil-Liturġija tas-Sigħat. Fil-qalba ta' kollox jilma l-Misteru tal-Għid, li miegħu jintrabtu l-misteri kollha ta' Kristu u tal-istorja tas-salvazzjoni li jitwettqu llum b'mod sagramentali."[7]

Din is-silta wisq sabiħa tkompli twassal aspett teoloġiku importanti tas-Sena Liturġika. B'viżjoni pastorali b'saħħitha, il-Papa Benedittu XVI jfakkar lill-Isqfijiet, is-saċerdoti u l-lajċi impenjati pastoralment sabiex l-imgħammdin kollha, matul il-medda taż-żmien liturġiku, "jiġu edukati kif jiggustaw it-tifsira profonda tal-Kelma t'Alla li tinfirex matul is-sena fil-liturġija."[8]

(4) Fl-aħħar nett, meta nitkellmu dwar it-teoloġija tas-Sena Liturġika, ma nistgħux ma nirreferux ukoll għall-*aspett spiritwali* tagħha, għax matul l-iżvolġiment gradwali tagħha, ġurnata wara l-oħra, hi tagħmel preżenti u tattwalizza l-Misteru tal-Fidwa tagħna fil-mumenti kollha tiegħu. Dawn il-mumenti kollha tiegħu jsiru effikaċi fil-ħajja tal-komunità Nisranija, u fil-ħajja personali tal-fidili. Din l-effikaċja tqanqal u ġġib bidla fil-ħajja tal-Insara għax jiltaqgħu ma'

Kristu Rxoxt, ħaj u rebbieħ, f'jiem differenti tas-sena. Din il-bidla hija r-riżultat tal-ħajja tal-grazzja, fi kliem ieħor ix-xenqa għall-qdusija u t-tħaddin tagħha. Dan huwa l-aspett ***spirit***-*wali* (jiġifieri, tal-Ispirtu), għax iseħħ bil-qawwa tal-Ispirtu tal-Missier u tal-Iben. L-Insara jersqu aktar lejn Alla, u għalhekk isiru, bil-mod il-mod u pass wara l-ieħor, bnedmin qaddisa. Permezz tal-Ispirtu s-Santu, huma jsiru jixbhu aktar lill-Iben, u hekk joqorbu aktar lejn il-Missier.

Importanti li niftakru li dawn l-erba' aspetti li fissirna f'din it-taqsima – l-aspett kateketiku, l-aspett pastorali, l-aspett bibliku u dak spiritwali – mhumiex mifrudin minn xulxin, imma kumplimentari. Fi kliem ieħor, iseħħu flimkien fil-persuna u fil-komunità ekkleżjali.

## Konklużjoni

Permezz ta' dan l-artiklu, stajna napprezzaw dak li forsi ħafna minna jieħdu *for granted*, jew bħala ħaġa ovvja. *Is-Sena Liturġika hija esperjenza meravilljuża fejn iż-żmien li ngħixu aħna l-bnedmin fuq din l-art jiltaqa' mal-eternità.* Is-Sena Liturġika, kif rajna, hija laqgħa kontinwa, b'xi mumenti aktar intensi; hija esperjenza kontinwa mal-Misteru tal-Fidwa. *Din hija laqgħa trasformattiva u trasformanti li min-natura intrinsika tagħha hija pedagoġika.* Rajna kif is-Sena Liturġika hija indirizzata lill-bniedem sħiħ, għax aħna ngħixu fiż-żmien u fl-ispazju. Spiritwalment għandna għadd ta' ħtiġijiet li s-Sena Liturġika, fid-dinamika sabiħa tagħha, tissoddisfa. Is-Sena Liturġika għandha *utilità formattiva*, kif kien jgħid il-professur Jean-Jacques von Allmen, li semmejt fil-bidu ta' dan l-istudju. Din l-utilità formattiva li hi Nisranija u ekkleżjali, permezz tal-ordinament tal-festi u taż-żminijiet, twassal b'mod effikaċi tifsira teoloġika qawwija u, għalhekk, konsegwenzi spiritwali u pastorali għolja u għanja. L-għan jibqa' wieħed – l-għarfien kontinwu tal-Misteru ta' Kristu u r-rabta tagħna miegħu, rabta progressiva u dejjem aktar qawwija li tikber fina, personalment u komunitarjament.[9]

## *Post scriptum*

*L-aħħar kelma* ... Nixtieq niddedika din ir-riċerka u dan l-artiklu tiegħi f'ġieħ il-memorja wisq għażiża tal-mibki Patri Ġwann A. Frendo, Dumnikan (1937-2003), liturġista mħeġġeġ u missjunarju

qalbieni. Kien hu li aktar minn tletin sena ilu, meta kien il-professur tagħna tal-liturġija fl-Università ta' Malta, rawwimna – bl-entużjażmu tipiku tiegħu – mhux biss napprezzaw u ngħixu l-pastorali liturġika, imma wkoll għallimna kors sħiħ dwar is-Sena Liturgika. Ħafna minn dak li rriflettejt dwaru f'dan l-artiklu huwa dovut għal dak li Patri Ġwann nissel ġewwa fija. *Veterum exempla!*

## Noti

1. Ara Jean-Jacques von Allmen, *Célébrer le salut. Doctrine et pratique du culte chrétienne*. Coll. Labor et Fides (Paris: Cerf, 1984), 266.
2. Ara Ġwann Frendo, *Is-Sena Liturġika: Storja u Studju – Sena mal-Mulej fil-Qima tal-Knisja* (Malta: Lux Press, 1983), 10.
3. Ara Irénée Henri Dalmais, "Time in the Liturgy", f'*The Church at Prayer*, Vol. 4. *The Liturgy and Time*, ed. Aimé-Georges Martimort (Collegeville/MN: Liturgical Press, 1983), 1-2.
4. Albert W. Agius, *It-Teżawru: Ġabra ta' Sinonimi u tifsiriet jixtiebħu Maltin* (Malta: Book Distributors Ltd, 2000), 221.
5. Santu Wistin, *Ittra 55 lil Ianuarius*. Silta interessanti hija din: "*The first thing which you must know and remember here is, that the observance of the Lord's natal day is not sacramental, but only commemorative of his birth, and that therefore no more was in this case necessary, than that the return of the day on which the event took place should be marked by an annual religious festival.* ***The celebration of an event becomes sacramental in its nature, only when the commemoration of the event is so ordered that it is understood to be significant of something which is to be received with reverence as sacred. Therefore, we observe Easter in such a manner as not only to recall the facts of the death and resurrection of Christ to remembrance, but also to find a place for all the other things which, in connection with these events, give evidence as to the import of the sacrament.***" Ara: https://cwhisonant.wordpress.com/2019/09/13/augustine-400-letter-55-to-januarius-sabbath-sacraments-psalmody/ (aċċessat 7.4.2021).
6. Ara Luigi della Torre, "L'anno liturgico, strruttuta formattiva della comunità ecclesiale e dell'esistenza cristiana," f'*Corso di Morale*, Vol. 5, *Liturgia*, ed. Tullo Goffi – Giannino Piana (Brescia: Queriniana, 1995), 317-318.

7. Papa Benedittu XVI, Eżortazzjoni Appostolika *Verbum Domini* (30 ta' Settembru 2010), par.52. Ara t-traduzzjoni Maltija, ippubblikata minn Reliġjon u Ħajja, Dokumenti 12/314 (Malta 2020).
8. Ibid.
9. Ara von Allmen, *Célébrer le salut*, 266.

## Bibljografija


Dalmais, Irénée Henri. "Time in the Liturgy", f'*The Church at Prayer*, Vol. 4. *The Liturgy and Time*, ed. Aimé-Georges Martimort (Collegeville/MN: Liturgical Press, 1983), 1-7.

Della Torre, Luigi. "L'anno liturgico, struttuta formattiva della comunità ecclesiale e dell'esistenza cristiana," f'*Corso di Morale*, Vol. 5, *Liturgia*, ed. Tullo Goffi – Giannino Piana (Brescia: Queriniana, 1995), 317-342.

Frendo, Ġwann. *Is-Sena Liturġika: Storja u Studju – Sena mal-Mulej fil-Qima tal-Knisja* (Malta: Lux Press, 1983).

Von Allmen, Jean-Jacques. *Célébrer le salut. Doctrine et pratique du culte chrétienne*. Coll. Labor et Fides (Paris: Cerf, 1984).